**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 ta' Lulju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Supt. Ian J. Abdilla)**

**-vs-**

**Emmanuel Balzan detentur tal-Karta ta'l-Identita' bin-numru 552877M.**

Kumpilazzjoni Nru. 725/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emmanuel Balzan, talli:

> Fi Frar 2013, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda-
>
> a. minghajr awtorizzazzjoni
>    i. uza *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor, jew uza, ikkupja jew immodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk; kif ukoll
>    ii. gharrat it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi data; kif ukoll

iii. installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja, jew zied ma' xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg,

meta tali reat jikkonstitwixxi att li b'xi mod kien ta' hsara ghal xi funzjoni jew attività tal-Gvern, jew tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilità pubblici, kif wkoll meta tali reat sar f'post minn impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, tal-Water Services Corporation, ta' l-Enemalta Corporation, u ta' l-ARMS Limited, u dan in konnessjoni ma' zewg pagamenti;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprjaj ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraq tali flejjes tal-Gvern u oggetti ohra.

U aktar talli sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-20 ta' Jannar, 2014.[1]

[1] Fol.76

Rat li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'reati ta' uzu mhux kif dovut ta' computer, frodi, approprijazzjoni indebita u storn. Hu akkuzat ukoll li hu recidiv.

Illi skond ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, dan il-kaz jirrisali ghall-Marzu, 2013, meta l-Pulizija rceviet informazzjoni dwar irregolaritajiet li allegatament kienu qed issehhu gewwa Arms Ltd., f'dak imsejjah bhala l-*"clarifications process".* Issa pagamenti li jsiru permezz tal-posta jew *internet banking* jwasslu sabiex il-file relattiv ghal dak il-kont jintbgahat mill-bank lill-Arms li, minn naha taghhom, jirregistraw dak il-file skond id-dettalji relattivi. Fir-rigward ta' kontijiet li jkollhom dettalji zbaljati meta tkun saret it-transazzjoni bankarja relattiva (ez. kont b'numru hazin jew li jappartjeni lil xi *third party* iehor), il-pagament hu sospiz sakemm issiru l-kjarifici necessarji manwalment u jsiru l-*adjustments* dovuti – dan hu l-*clarifications process*.[2] Is-suspett fl-imputat tqajjem meta is-Senior Clerk mal-Arms kienet qed taghmel dan il-clarification process, intebhet b'pagament ta' <u>400 Euro</u> li minflok iddahhal f'kont ta' konsumatur partikolari, Salvinu Camilleri, iddahhal fil-kont tal-imputat u dan kien deher li sar peress li kienu inbiddlu xi numri inizzjali tal-kont ta' Camilleri.

Minn dak li rrizulta lill-Pulizija, fil-*clarifications process* huma l-iskrivani li manwalment jaghmlu l-aggustamenti necessarji sabiex il-kont destinatarju jigi kreditat bl-ammont mhallas. Dak li s-Senior Clerk intebhet li kien qed issehh kien li lanqas l-*clarifications process* ma kien sar sew, u cioe' l-adjustments li kienu rikjesti ma sarux : *"…meta l-clarification ikun hemm zball u jidhol f'dan il-kont li jkollok transaction pending ghax flok kkwota l-kont tal-Arms ikkwota l-kont tal-Vodafone…suppost l-iskrivana tal-Arms idahhlu l-kont tajjeb, imma li kien qed jigri f'dan il-kaz min kien qiegehd jaghmel din il-clarification ma kienx qed jaghmel lanqas il-kont it-tajjeb imma kien qed jaghmel zball hu wkoll fl-adjustment…jaghmel zball zghir imma li jkun facli li clerk iehor jaqbad dik il-*

---

[2] Fol.16-17

*clarification malajr jirrangaha……".* Peress li l-kontijiet tal-konsumaturi jibdew bil-101, talvolta li fl-adjustment iddahhal 201, clerk kien mill-ewwel jaqbad u jirrangah ghall-101 ghaliex ma jezistux kontijiet li jibdew bit-201. *"…allura dak li kien qed jigri kien li min kien qed jaghmel dawn [l-izbalji] is-sistema lil min kin qed jagheml din il-haga ma kienx idahhlu direttament fil-kont tas-Sur Balzan imma kien qieghed ihallih pending biex haddiehor idahhlu fil-kont tieghu [ta' Balzan]."*

Sussegwentement kien instab li min kien qed jaghmel l-izball kien *user no.* balze002 li kien il-head of department u dan sar fit-30 t'Ottubru, 2010, fis-6.10pm.[3] Ghalhekk kien gie iccekkjat il-kont li l-imputat, Emanuel Balzan, kellhu mal-Arms li kien bin-numru 101000096097 biex jigi maghruf kienx hemm transazzjonijiet simili u fil-fatt raw transazzjoni *ta'€92.30 li* suppost iddahhlet fil-kont ta' Gaetano Attard izda ma dahhlitx fil-kont tal-imsemmi konsumatur minhabba li kien hemm dettalji neqsin. Wara li ndagaw *"min kien dahhal b'mod zbaljat il-clarification…sabu li kien balze002 fit-26 t'Ottubru, 2012 [fil-16.57hrs] kien mis din it-transaction ghamilha hazina wkoll biex sussegwentement il-kaxxiera Loretta Caruana kienet dahlet it-transaction b'mod tajjeb fil-kont tas-sur Balzan."*[4] L-Ufficjal Prosekutur kien gie infurmat li meta l-imputat kien gie mitkellem mic-Chief Cashier tal-Arms Ltd, kien deher sorpriz w immedjatament irritorna l-€400 filwaqt li ta struzzjonijiet ghar-reversal tal €92.30.

L-investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija wasslu sabiex jittiehdu diversi *screen shots, u back up* tas-sistema kif ukoll il-*logs* tas-sistema SAP li kienet tintuza mill-Arms taht ir-risponsabbilita` ta' Philip Toledo l-agent tal-IBM. Kienu saru accertamenti sabiex jigi determinat setax kien xi hadd iehor li kien uza l-*password* tal-imputat u dan sar billi saru l-verifici permezz tar-records dwar *palm readings* li kienu ittiehdu mill-impjegati tal-Arms gewwa Gattard House, Blata l-Bajda fejn sussegwentement gie arrestat l-imputat.

Interrogat l-ewwel darba l-imputat ma ammettiex mal-Pulizija u attribwixxa kollox ghal zball izda l-Ufficjal Investiggativ, wara li reggha rritorna fl-ufficini tal-Arms sabiex jaghmel il-verifici tieghu minn fejn irrizultalu li certi allegazzjonijiet maghmula mill-imputat ma kienux veritjieri, rega' hadlu stqarrija ohra l-ghada tal-arrest tieghu u cioe' fit-28 ta' Marzu, 2013. Fit-tieni stqarrija l-imputat ammetta l-involviment tieghu u *"tani detailed explanation step by step stqarrija dettaljata."*[5]

[3] Fol.18
[4] Ibid
[5] Fol.19

Ix-xhud Wilfred Borg jispjega li hu dahal fil-kaz wara li kien avvicinat mill-Pulizija u jaghti rendikont dwar kif l-Arms Ltd. offriet assistenza lill-Pulizija tul l-investigazzjonijiet taghhom fuq il-kaz. Mistqosi dwar l-impjieg tal-imputat jghid *"Kien impjegat mal-Arms….dejjem nafu hemm jien iggonjajt l-Arms f'Ottubru tat-2010 u hemm kien jigifieri dejjem hemm kien."*[6] Min-naha tieghu Mark Lupi jghid li l-imputat *"kien il-head of cash tal-Arms dak iz-zmien, kien responsabbli ghal team ta' nies u kien responsabbli ghal dawn it-transactions, pagamenti li jidhlu u dawn l-affarijiet li jaghmlu l-konsumaturi fuq il-kontijiet taghhom."*[7] Jiftkar li l-username tal-imputat kien balze002.[8] Bernice Avalone Balzan li hi impjegata bhala accountant mal-Arms Ltd. tiddikjara li *"kien hemm pagament li dahal fuq il-kont ta' Emanuel Balzan pero dan gie rriversjat. Imbaghad dan il-pagament reggha dahal minn persuna differenti mbaghad gie transferred fuq account ta' persuna ohra…….Manuel dahhlu….Ta' 92.30, 26th April 2012. Imbaghad irriversjah bl-istess username."*[9] Tghid li iddahhal bil-username Balze002. Sussegwetement dan il-pagament kien iddahhal fl-account korrett fit-2 ta' Mejju, 2012 minn skrivan iehor. Rigward l-ammont ta' €400 *"Dawn kienu posted bhala clarifications u kien hemm l-account kien bhal ta' Emanuel imma jibda mit-2….imbaghad at one point gie transferred fuq l-account it-tajjeb…."*[10]

Sylvana Zammit[11] tixhed li l-imputat kien jokkupa kariga ta' tlett gradi iktar minnha. Tispjega li kien hemm zewg tipi ta' clarifications, dawk li kienu jittrangaw kuljum u dawk li kienu jiehdu aktar zmien biex jigu rrangati ghax kienu jirrikjedu aktar investigazzjonijiet fejn kien ikollhom jistennew li jew il-Bank jew il-klijent jigbed l-attenzjoni tal-kumpanija dwar il-pagament. Tghid li kienet qed tahdem fuq l-ahhar tip ta' *clarifications* fejn rat kont li jibda bit-201 meta l-kontijiet tad-dawl u ilma jibdew jew bin-numri 101 jew 401. Hasbet li kull ma kien mehtieg kien li minn 201 issir 101 u kif ghamelt dan telgha l-*business partner number*, speci ta' ID card number, tal-imputat. Meta marret tfittex l-file originali indunnat li l-pagament ma kienx jaqbel mal-*contract account*. Indunat li l-zball origina mill-Maltapost fejn kien dahhal in-numru tal-invoice minflok tal-kont. Pero meta giet biex tirranga dan l-izball indunnat li kien hemm bidla li saret minn balze002. Dahhlet fl-account ta' Balzan fejn l-attenzjoni marret fuq pagament partikolari fejn transaction li kienet saret mill-APS, il-klijent partikolari kien halla kollox vojt. Dan l-ammont ta' 92.30 Euros, kien iddahhal fl-account tal-

---

[6] Fol.68
[7] Fol.71
[8] Fol.72
[9] Fol.88
[10] Fol.89
[11] Fol 91-96

imputat minn skrivan Loran Caruana u li gie irriversjat minn Emmanuel stess u reggha iddahhal minn Caruana fl-istess gurnata. Meta tkellmet mal-imputat kien uriha li kien konsapevoli dwar it-transaction tal-APS. *"Dak il-hin gew trangati z-zewg payments, il-payment tal-Maltapost ippostjah minn naha tieghu stess…u l-payment tal-APS giet trasferita minghand Arthur Zammit, ghax sa dan it-tant l-APS bgahtulna d-dettalji tal-klijent stess….."…tal-Maltapost huwa certu wiehed Salvino Camilleri minn Hal Ghaxaq u l-ammont huwa ta' 400 Euros, il-klijent tal-APS huma Gaetano minn Hal Qormi …u l-ammont huwa ta' 92.30 Euros"*[12].

L-imputat ghazel li jixhed. Jibda biex jghid dwar l-isqtarrija tieghu li *"hemm hafna affarijiet li vvintajthom kwazi kwazi".*[13] Il-Qorti ma temminx din id-dikjarazzjoni, anke il-mod legger li bih saret tali dikjarazzjoni mill-ewwel johloq dubji dwar il-veracita` tal-istess. Jghid li il-92.30 Euros sabhom fil-kont tieghu minhabba xi zball u rriversjahom izda dawn regghu iddahhlu minn xi skrivana fil-kont tieghu. Jghid li induna li il-kont tieghu gie in *credit* pero darba biss irriversjahom. In kontro ezami jikkonferma li kien ikkowopera mal-Pulizija. Din il-kowoperazzjoni tidher bic-cjar mill-isqtarrija li rrilaxxa.

L-istqarrija li giet rilaxxata wara li l-imputat kien ikkonsulta mal-legali ta' fiducja tieghu w li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar l-awtenticita` u l-volontarjeta` taghha, **toffri stampa cara li thalli ftit lok ghall-interpretazzjoni dwar l-agir tal-imputat**.[14] L-imputat kien qal lill-pulizija li dak iz-zmien meta ghamel l-imsemmija transazzjonijiet kien darhu mal-hajt finanzjarjament *"Nikkonferma li **kien hemm zewg transazzjonjiet biss li jiena ippruvajt nghaddi mill-kont tieghi** b'dan il-mod, u dan ghamiltu ghax f'dak il-perjodu kont naqra dahri mal-hajt u hsibt li stajt nibbenefika minnha, biss deep down kont naf li xi darba seta' jinqala il-consumer u jaghmel query fuqhom u kont lest li nivversjahom f'dan il-kaz. <u>Nghid li l-ewwel okkazzjoni kienet dik ta' **xi €90** xi haga…..</u> Meta rajtha hsibt li nista napprofitta ruhhi minnha u iddecidejt li ndahhalha fil-kont tieghi, u dan ghamilt ukoll biex nimmoniterjaha halli jekk jinqala l-konsumatur inkun nista nirriversjaha."*[15]

L-imputat jispejga kif fis-27 t'April, 2012, kien imissu jaghmel pagament li jinqata awtomatikamanet bid-direct debit. *"Ghalkemm xi gurnata qabel kont ghamilt reversal tal-pagament li jiena kont ippostjajt, u dan biex il-bilanc totali tal-kont tieghi jinqata' kif suppost mill-kont tal-Bank tieghi, dan ghamiltu ghaliex deep down bzajt ghax kont naf li dawk ma kienux tieghi, u biex b'hekk inkun issettiljajt il-*

---

[12] Fol.94-95
[13] Fol.119
[14] Fol.62- Dok.IEA10
[15] Fol.63

*kont tighi bi flusi biss."* Hawnhekk l-imputat kien qed jitkellem dwar it-transazzjoni ta' €92.30. Dwar dan il-pagament ghalkemm kien ghamel *reversal* xorta bi zball regha iddahhal fil-clarifications biex sussegwentement skrivan iehor reggha tefa' din l-istess transazzjoni fil-kont tal-imputat.[16]

Illi dwar it-transazzjoni ta' 400€ jghid: *"Xi xhur pruvajt naghmel transazzjoni ohra fuq il-kont tieghi, dik ta' 400€……Dan fil-fatt ma giex posted, ghaliex fi Frar 2013 Sylvanne indunat li kien fuq ismi …Niftakar li fl-istess gurnata li kellmitni dwar it-transazzjoni ta' €92, qabel kienet kemmitni fuq dan ukoll….It-transazzzjoni ta' €400 irrangajtha jien stess u allokajtha fuq il-kont propju tal-klijent."*[17]

In kontro-ezami l-Ufficjal Prosekutur jikkonferma li *"ghax ezatt il-klijent tieghek ma ha xejn"* filwaqt li l-Arms ma soffriet ebda telf.[18] Dwar dan izda il-Qorti tinnota dak li ntqal mill-imputat fl-istqarrija: *"Insostni li jiena qatt ma hadt xi tnaqqis fuq il-kontijiet wara dak li ghamilt, ghalkemm meta t-transazzjoni ta' €92.30 regghet giet imdahhla il-kont ta' warajha gie imnaqqas. Biss nghid li meta Sylvianne qaltli bih, u gie irrangat, il-kont tieghi gie imhallas ma' l-ewwel run tal-pagamenti li saret, u dan fit-22 ta' Frar, 2013, kif jidher mill-kont stess….Jiena dak kollu li ghamilt ghamiltu biex nirbah ftit tal-hin qabel jinqatghu il-pagamenti tieghi tal-kont ta' l-ARMS"*[19]

Mela dwar it-transazzjoni ta' €92.30 l-imputat jammetti li kien ikkredita l-kont tieghu b'dan l-ammont. B'dan jidher li ma hemmx kontestazzjoni li ghall-perjodu limitat, zghir kemm kien zghir, l-imputat ghamel ha vantagg u/jew profit li baqa jgwadih sakemm effettivament indirizza is-sitwazzjoni u rripristinaha - unikament f'dak li jirrigwarda il-€92.30. Dwar l-€400 peress li qatt ma ddahhlu fil-kont tieghu l-agir tieghu jista' biss iwassal ghat-tenttativ.

Certament l-istqarrija tal-imputat, dwar liema stqarrija ma hemm ebda kontestazzjoni dwar l-volontarjeta` jew il-genwinita` taghha (li ttiehdet wara li kien gie ikkonsultat l-Avukat ta' fiducja tieghu), u ghal-liema stqarrija l-imputat ghazel li jiffirma, tikkostitwixxi prova determinanti dwar ir-reita` tal-imputat. Balzan ammetta l-involviment tieghu u spjega ir-ragunijiet ghaliex wassal sabiex jaghmel dawn iz-zewg transazzjonijiet. Hija fuq il-verzjoni inizjali li ta lill-Pulizja li din il-Qorti taghzel li tistrieh. Hu stess jammetti fix-xhieda tieghu li dejjem ikkowopera mal-Pulizija!

---

[16] Fol.116
[17] Fol.64
[18] Fol.26
[19] Fol.65

Tenut kont li jidher li ghalhekk jirrizulta xi forma ta' vantagg, profit jew gwadan, il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddetermina liema akkuzi jirrizultaw mill-provi migjuba quddiemha.

**Ir-Reati t' Approprijazzjoni Indebita u Storn**

Peress li r-reat ta' approprijazzjoni indebita u r-reat hekk imsejjah 'peculato' jew embezzlement jidher li ngahtaw bhala kapijiet alternattivi, il-Qorti ezaminat dawn iz-zewg reati. L-element essenzjali ghal dan ir-reat hu li l-awtur irid ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku.

Illi ser issir riferenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciz nhar il-31 ta' Mejju, 2012,[20], fejn il-Qorti rriteniet:

"Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: **"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."**

Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.:[21]
*"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Jidher ghalhekk illi l-mens rea fil-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa l-intenzjoni tal-**ufficjal pubbliku** li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b'mod frawdolenti biex b'hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess.

Illi pero` ma ngiebet ebda prova li l-imputat kien ufficjal jew impjegat pubbliku. L-prova migjuba kienet biss li l-imputat fiz-zmien li twettqu r-reati, kien impjegat mal-Water Services Corporation.[22] Issa prova li impjegati tal-Water Services Corporation ghandhom jitqiesu ufficjali jew impjegati pubblici ma saritx u dan minkejja li l-abbli Avukat Generali kien indika li kellha issir dik il-prova fl-imsemmija nota tieghu. L-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Kap. 355 ta' l-Ligijiet ta' Malta fl-artiklu 39 jipprovdi:

[20] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Magistrat Dr Edwina Grima
[21] 13.03.1998, App. Krim
[22] Dok. IAE 13; Fol.83

**39.** (1) Meta xi uffiċjal jiġi allokat fuq dmirijiet mal-Korporazzjoni skont xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 38, dak l-uffiċjal għandu, matul dak iż-żmien li fiha dik id-direttiva tkun isseħħ dwaru, ikun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Korporazzjoni, iżda dan għandu għall-finijiet u effetti kollha jibqa' jitqies u jiġi trattat bħala uffiċjal pubbliku.

L-artiklu 38 jindirizza l-allokazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi għal dmirijiet mal-Korporazzjoni:

**38.** (1) Dawk l-uffiċjali pubbliċi impjegati fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet tal-Ilma jew f'xi dipartimenti oħra tal-Gvern li l-funzjonijiet tagħhom jiġu trasferiti lill-Korporazzjoni minn żmien għall-ieħor, minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu dwar dak id-dipartiment skont kif jordna l-Prim Ministru għandhom, minn dak il-bidu fis-seħħ ta' dik l-ordni jkunu allokati għal dmirijiet mal-Korporazzjoni b'dawk id-dmirijiet skont id-direttiva tal-Prim Ministru.

(2) Kull ordni mogħti mill-Prim Ministru qabel id-data tal-jum fis-seħħ ta' dan l-artikolu bil-għan li talloka xi uffiċjal hekk kif intqal qabel għal dmirijiet mal-Korporazzjoni hekk ukoll kif intqal qabel, għandu jkun tal-istess effett u validità daqslikieku dak l-ordni kien mogħti wara dak il-jum fis-seħħ.

(3) Il-Prim Ministru jista' wkoll, fuq it-talba tal-Korporazzjoni, minn żmien għal żmien jordna li kull uffiċjal pubbliku jibqa' allokat għal dmirijiet mal-Korporazzjoni f'dik il-kariga u b'effett minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fid-direttiva tal-Prim Ministru.

Illi ma saret ebda prova li l-imputat kien impjegat mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet tal-Ilma jew f'xi dipartiment iehor tal-Gvern u li kien gie trasferit lejn il Water Services Corporation b'xi ordni maghmula mill-Prim Ministru taht dan l-artikolu. Lanqas ma jista jinghad li impjegat mal-Water Services Corporation jew tal-Automated Revenue Management Services Ltd. jinkwadra fid-definizzjoni ta' "ufficjal pubbliku" ai termini tal-Artiklu 92 tal-Kap IX ta' l-Ligijiet ta' Malta. Ir-rapprezentant tal-Employment and Training Corporation ma kienx il-persuna idonea sabiex tipprova li l-imputat kien effettivament ufficjal pubbliku, imma din il-prova kellha permezz ta' rapprezentant mill-Ufficju tal-Prim Ministru, mill-Management and Personnel Office. Fil-fatt ix-xhud Saliba kull ma esebxxa kien l-e*mployment history* tal-imputat[23]. Ghalhekk certament ma tistax tinstab htija taht l-artikolu 127 tal-Kap. IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, dwar din l-imputazzjoni u ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat mill-istess imputazzjoni.

Il-Qorti ghalhekk issa ser tikkunsidra jekk jirrizultax ir-reat tal-approprijazzjoni indebita.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplata fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew

---

[23] Dok. IEA13, fol.83; ara xhieda fol.98

ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe` tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"[24]

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju, 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li ikun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:
"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[25]

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Fra,r 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li

[24] Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007
[25] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru, 2003, fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi mill-esposizzjoni legali ta' l-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misappropazzjoni jidher illi dana ir-reat huwa bbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li ikun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu irid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma iridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqies illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.[26]

---

[26] The Police vs Keith Arthur Mayho, deciza fl-4 ta' Frar, 2013, Magistrat Dr Neville Camilleri. Ara ukoll Il-Pulizja vs Anthony Vassallo deciza fid-29 ta' Settembru, 2014 u Il-Pulizja vs Anthony Scicluna, deciza fil-11 ta' Jannar, 2016, Magistrat Dr Josette Demicoli.

Illi ghal dawn il-motivi ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fid-dispost ta' l-artikolu 293, 294 tal-Kodici Kriminali u allura ser tinsab htija ghar-rigward tat-tielet akkuza u mhux tar-raba akkuza, u cioe` f'dik tal-approprijazzjoni indebita, u **dan in kwantu ghat-transazzjoni ta' €92.30**[27] Dan ghaliex dwar it-transazzjoni ta' €400 fi kliem l-Ufficjal Prosekutur *"L-istess haga Sur Magistrat qed nipprezenta l-kont ta' Emmanuel Balzan l-kont komplut ta' Emanuel Balzan, fuq il-kont ma jidhirx it-transaction ta' erba mitt ewro li semmejt ghaliex dik it-transaction kienet ghada pendenti. Dan id-dokument qed jigi pprezentat u mmarkat bhala IA2"*.[28] Certament li l-ammont minimu ghandu jimpingi fuq il-piena li ser tigi inflitta.

Illi mill-atti processwali tirrizulta wkoll l-ewwel imputazzjoni, limitatament ghall-akkuzi previsti fl-artikolu 337C(1)(a) u (g) tal-Kodici Kriminali u dan bil-kwalifika prevista fid-disposizzjoni tal-artikolu 337F(3)(a) tal-istess Kodici, izda dan ir-reat kien mezz ghall-fini ghar-reat tal-approprijazzjoni indebita li fihom inkwadraw il-fatti specie ta' dan il-kaz. Illi t-tieni imputazzjoni nghatatat bhala kap alternattiv ghat-tielet imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri minnha. Ma ngiebet ebda prova dwar ir-recidiva tal-imputat u ghahekk qed jigi liberat anke minn din l-imputazzjoni.

Illi in kwantu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, kif ukoll l-ammont involut. Dan ma jnaqqas xejn minn natura serja tar-reati li twettqu minn min kellhu posizzjoni relattivament gholja mad-dipartiment u li kien fdat b'xoghol direttament konness mal-finanzi tal-istess dipartiment, posizzjoni certament aktar sensittiva minn ohrajn.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 31, 41(1)(a), 293, 294, 337C(1)(a)(g) u 337F(3)(a) tal-Kap IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kif inghad, kif ukoll tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal tmintax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut u kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tal-oggetti esebiti billi ma jirrizultawx li gew esebiti oggetti konfiskabbli skond il-ligi.

---

[27] Vide fol.21 u Dok. IA3-IA7.
[28] Fol.21

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**